**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Guramentat Nru.: 1099/2017 MH**

**Illum, 6 ta' Gunju, 2018**

**Dr Abdalla Mohamed Kablan, detentur tal-karta ta' l-identita Maltija numru 214307L**

**vs**

**Scheduit Ltd (C-65520)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat ta' l-attur tal-4 ta' Dicembru 2017** li permezz

tieghu ippremetta:

1. *"Illi l-attur Abdalla Mohamed Kablan huwa, fost l-ohrajn, il-fundatur originali tas-socjeta konvenuta Scheduit Ltd, liema socjeta inbieghet lis-socjeta Sixcap Technologies PTE Ltd, socjeta registrata fis-Singapore, aktar kmieni din is-sena, billi l-attur biegh l-azzjonijiet fis-socjeta Suez Technologies Limited, li a sua volta kienet il-proprjetarja tal-azzjonijiet tas-socjeta konvenuta;*

2. *Illi madankollu l-esponent baqa ingaggjat mas-socjeta konvenuta Scheduit Ltd bhala Kap Ezekuttiv u bhala Direttur, a tenur tal-ftehim ta' impjieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;*

3. *Illi minkejja li l-esponent dejjem mexa fl-aktar mod professjonali u dejjem in buona fede fl-attivitajiet tieghu, s-socjeta konvenuta Scheduit Ltd naqset li thallsu, flimkien mall-impjegati l-ohra taghha, diversi skadenzi mensili ta' salarju u ammonti ohra legalment dovuti lilu, senjatament ghax-xahar ta' Awwissu 2017, Settembru 2017 u parti minn Ottubru 2017 b'dan li hu ghadu jrid jithallas is-somma globali ta' hamsa u sittin elf erba' mija erbgha u sebghin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€65,474.28c) kif jirrizulta mill-prospett hawn anness bhala Dok. C;*

4. *Illi minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiexjersqu ghall-hlas tas-salarju dovut, u dan anki permezz ta' l-ittra gudizzjarja nru 3921/2017, datata 18 ta' Ottubru 2017, fl-ismijiet Abdalla Mohamed Kablan vs Scheduit Ltd (C65520), (hawn annessa u mmarkat bhala Dok. E), l-konvenuti naqsu milli jersqu ghall-hlas;*

5. *Illi ghalhekk l-attur ma kellu ebda triq ohra ghajr li jtemm l-impjieg tieghu u ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex jithallas dak li huwa dovut lilu;*

6. *Illi biex jezimi ruhu minn kull responsabilita l-attur prezenta ukoll c-cedola ta' depozitu nru 1994/2017 (hawn annessa u mmarkat bhala Dok. E) li permezz taghha pprezenta d-dokument hemm deskritt that l-awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti u dan billi minkejja l-fatt li l-attur talab lill-konvenuti sabiex jiltaqghu u jghaddilhom id-dokument in kwistjoni, huma rrifjutaw li jikkooperaw;*

7. *Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante illi, fil-fehma tal-attur, il-konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'jaghti kontra t-talbiet tal-attur;*

8. *Illi l-attur jaf b'dawn il-fati personalment;*

*Ghaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-attur jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta' hamsa u sittin elf erba' mija erbgha u sebghin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€65,474.28)*

3. *Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamsa u sittin elf erba' mija erbgha u sebghin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€65,474.28);*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra gudizzjarja nru 3921/2017, datata 18 ta' Ottubru 2017, fl-ismijiet Abdalla Mohamed Kablan vs Scheduit Ltd (C65520), u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;*

*B'riserva ghall-azzjonijiet ulterjuri ghall-hlas ta ammonti ohra dovuti mis-socjeta konvenuta lill-attur fosthom s-somma ulterjuri ta' hamsa u sittin elf Euro (€65,000) li l-attur iddeposita minn fondi personali tieghu fil-kontijiet tas-socjeta konvenuta Scheduit Limited sabiex bihom jigu mhallsa s-salarji tal-impjegati l-ohra ghax-xhar ta' Awwissu 2017."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat illi waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2018[1] dehret id-difensur tas-socjeta' konvenuta li laqghet in-notifika tar-rikors guramentat seduta stante u pprezentat Nota biex tikkontesta l-procedura tal-giljottina.

Rat in-Nota msemmija tas-socjeta' konvenuta[2] -

*"Li permezz tagħha jissottometti bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li ma jeżistux r-rekwiżiti neċessarji sabiex din l-Onorabbli Qorti taqta u tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ u dan stante li ghandha eccezzjonijiet validi x'isosstni, kif ser jiġi spjegat fid-dettal fil-paragrafi li ġejjin.*

***1. Introduzzjoni – In-natura tal-kawża***

*1.1 Kif jirriżulta mir-rikors ġuramentat, din hija kawża li hija konnessa mal-"performance" tal-kuntratt tal-impjieg bejn ir-rikorrent Dr. Kablan u Scheduit fejn Dr. Kablan qed jallega li Scheduit (bħala principal) kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha l-għaliex naqset milli tħallsu s-salarju allegatament dovut;*

***2. Eċċezzjonijiet ta' natura preliminari***

*2.1 L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati hija n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħlas ta' salarju ta' impjegat jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u*

[1] Verbal a fol 51
[2] Fol 52 et seq

*dan skont l-Artikolu 75 (1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta:*

> *"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu ġurisdizzjoni eskluživa li jikkunsidra u jiddeċiedi –*
>
> *(a) Il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*
>
> *(b) Il-**każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att**[3] jew regolamenti preskritti taħtu…"*

*It-titolu I tal-Att, u b'mod partikolari l-artikoli 11 et seq, jirregolaw il-ħlas ta' salarji u l-obbligi tal-prinċipal li jħallas is-salaraji. Għaldaqstant, il-pretenzjoni tar-rikorrent hija waħda li tista' tiġi ddeterminata eskulssivament mit-Tribunal Industrijali.*

*2.2 Mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li l-Qorti ssib li t-Tribunal m'għandu l-ebda ġurisdizzjoni esklussiva, l-partijiet qablu li disputa ta' din it-tip tiġi riżolta permezz ta' proċeduri tal-arbitraġġ. Referenza hawn issir għall-klawżola 23.1 tal-kuntratt tal-impjieg, anness bħala Dok B mar-rikors ġuramentat, jipprovdi li "All disputes claims or proceedings between the parties relating to the validity, construction, performance or termination of this Agreement, shall, except were falling under the exclusive jurisdiction of the Maltese Employment Tribunals or Courts, be determined by arbitration between the Parties before the Malta Arbitration Centre ("**MAC**")….".*

### *3. L-ammont pretiż*

[3] Emfażi miżjuda mill-esponent

*3.1 Ir-rikorrent naqas milli jġib prova kif rikjesta mill-liġi dwar is-salarju dovut tiegħu. Fir-rigward ta' Dok C, anness mar-rikors ġuramentat, dan huwa biss fotokopja pero, addizzjonalment, dan id-dokument ma jistax jitqies bħala prova u juri ukoll jekk l-ammonti indikati hemmekk huma verament dovuti: Fid-dokument stess, hemm mitkub:*

> *"This is a provisional claim being made for outstanding wages* ***allegedly*** *due from Scheduit Limited... Such claim may be amended in full or in part as a result of DEIR investigation"*

> *Għaldaqstant dan id-dokument ma jikkwalifikax bħala prova jew konferma tad-debitu dovut.*

*3.2 Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi umilment sottomess li l-ammont pretiż huwa eċċessiv. Skont il-kuntratt tal-impjieg, Dr. Kablan ma kellu l-ebda weekly allowance, kif qed jippretendi. Ir-remunerazzjoni li kellu Dr. Kablan kien biss is-salarju kif indikat fil-klawżola 8.1.*

*3.3 Addizjonalment, Dr. Kablan irid jispjega u jixhed kif wasal għall-kalkolu tiegħu tal-Vacation Leave Entitlement u kif dan ġie kkomputat. Addizjonalment irid jagħti prova ta' kemm il-ġranet ta' leave ħa kif ukoll jagħmel il-prova tad-data meta hu abbanduna l-inkarigu tiegħu ma Scheduit u waqaf jaħdem.*

***4. Provi oħra***

*4.1 Ma jirriżultax jekk il-kuntratt tal-impjieg anness huwa dak oriġinali. L-uniku ċertifikazzjoni li ssir mill-kontroparti tirriżulta f'paġna 20 (u mhux fl-aħħar jew fil-bidu tal-kuntratt). Addizjonalment ma jirriżultax ċar ta' min hi l-firma indikata f'paġni 20 u 21 u jeħtieġ konferma bil-ġurament tal-*

*persuna kkonċernata li dik hija l-firma tiegħu."*

Rat illi waqt l-istess seduta tas-16 ta' Frar 2018 il-Qorti wara li rat din in-Nota tas-socjeta' konvenuta tatha terminu ta' ghoxrin jum biex tintavola risposta guramentata.

Rat illi nonostante li nghatat din l-opportunita', s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentat ebda risposta guramentata u ghalhekk waqghet kotumaci.

Rat illi waqt is-seduta tat-13 t'April 2018[4] dehret id-difensur tas-socjeta' konvenuta li ddikjarat li hija kienet qeghda tirrinunzja ghall-patrocinju tal-istess socjeta' peress li wara s-seduta precedenti kienet ghamlet diversi tentattivi biex tikkuntattja lir-rapprezentant tas-socjeta' msemmija izda ma rceviet ebda risposta lura.

Semghet  ix-xhieda viva voce tal-attur.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza finali.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza tal-lum l-attur, originarjament il-fundatur tas-socjeta' konvenuta, kien gie ngaggat bhala Direttur u Kap Ezekuttiv ma' din l-istess socjeta' wara li din inbieghet. L-attur isostni li fil-kors ta' dan l-impjieg mas-socjeta' konvenuta, u minghajr ebda raguni valida fil-ligi da parti taghha, din l-istess socjeta' naqset li thallsu, flimkien mal-impjegati l-ohra taghha, s-salarju ghall-perjodu minn Awissu 2017 sa parti minn Ottubru 2017 li lahhaq is-somma globali ta' €65,474.28. Minkejja l-interpellazzjonijiet li ghamel, is-socjeta' konvenuta

[4] Fol 57

baqghet inadempjenti u ghalhekk kien kostrett itemm dan l-impjieg u jiftah il-proceduri odjerni sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu.

## A. PRELIMINARI

Huwa opportun li qabel xejn tigi sollevata *ex officio* l-kwistjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti *rationae materiae*. Huwa minnu li s-socjeta' konvenuta accennat ghal dan il-punt fin-Nota mressqa minnha izda baqghet ma ressqithiex formalment bhala eccezzjoni. Madankollu tali materja hija wahda ta' ordni pubbliku u ghalhekk il-Qorti thoss li xorta ghandha titrattaha sabiex testabilixxi jekk ghandhiex kompetenza li tiddeciedi l-kaz jew le.

Kif inghad fil-kaz **Bartolo & Kyle Ltd vs Rodnie Catania** deciza fil-31 t'Ottubru 2017[5] -

*"Huwa pacifikament accertat illi l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolati t-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha terecita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. (**Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et** (Appell – 7 ta' Ottubru 1997)."*

Il-bazi tal-azzjoni attrici hija talba ghall-hlas ta' salarju li allegatament baqa' ma thallasx lill-attur meta kien impjegat mas-socjeta' konvenuta.

Il-kwistjoni tal-kompetenza ser tigi trattata fir-rigward kemm tat-Tribunal Industrijali kif ukoll fir-rigward tat-Tribunal tal-Arbitragg.

---

[5] Rik Gur 655/15

**a) Tribunal Industrijali**

Huwa minnu li l-protezzjoni tal-pagi tal-haddiema hija regolata mis-sezzjoni III tat-Taqsima I tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta).

**L-artikolu 75 (1)** ta' dak l-Att jipprovdi hekk –

*(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*

*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku ; u f'dan l-artikolu l-espressjoni*

*"ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplika w l-imsemmija Ordinanza jew Att."*

B'referenza ghall-mertu tal-lum, jinghad li ghalkemm it-Taqsima I hija ndikata fl-artikolu appena citat, b'daqshekk ma jfissirx li t-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza esklussiva li jiddeciedi dwar **kull** materja li hija nkluza f'dik it-Taqsima. Dan huwa konfermat mill-gurisprudenza fosthom il-kaz **Brian Schembri vs National Orchestra Ltd deciz fis-27 ta' Marzu 2018**[6] **-**

***"V. Gurisprudenza***

*Decizjoni rilevanti ghall-fini tal-pronunzjament tal-lum kienet dik moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fit-30 ta` Settembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet* ***Karmenu Vella kontra General Workers` Union.***

*Inghad hekk :-*

*"Taht l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap.266 tal-Ligijiet ta` Malta), il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kienet regolata bl-Art.28(1) li kien jaqra hekk –*

*Minkejja kull ma jinsab f`kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu*

[6] Rik Gur 915/17

*gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi …*

*Meta sar l-Att XXIII tal-2000 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta) li ha post il-Kap.266, id-disposizzjoni li tistabilixxi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali saret l-Art.75. Minn ezami ta` dan l-artikolu, huwa evidenti li minn naha wahda baqghet il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali fi kwistjonijiet kollha ta` tkeccija allegatament ngusta mil-impjieg, u prattikament inzammet l-istess dicitura [ara s-subparagrafu (a) tas-subinciz (1) tal-Art.75] fl-istess waqt il-gurisdizzjoni esklusiva twessghet aktar sabiex tkopri dak kontemplat bis-subparagrafu (b) tas-subinciz (1) tal-istess artikolu.*

Is-*subparagrafu (b) jaqra hekk …*

*Issa fl-eccezzjoni preliminari taghha, il-konvenuta tghid li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza in kwantu l-pretensjonijiet tal-attur kif dedotti jaqghu taht it-Titolu I tal-Kap.452 fejn allura t-Tribunal Industrijali huwa vestit b`gurisdizzjoni esklusiva skond l-Art.75(1)(b).*

*Din il-Qorti tghid li s-subparagrafu (b) tas-subinciz (1) ta` l-Art.75 jirreferi ghal dawk il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` l-Att. Issa t-Titolu I tal-Kap.452 imsejjah*

*"Relazzjonijiet dwar l-Impiegi" jikkomprendi tmienja u erbghin (48) artikoli mifruxa fuq seba` (7) taqsimiet:*

*Taqsima I : Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*
*Taqsima II : Kondizzjonijiet maghrufa ta` Impieg*
*Taqsima III : Protezzjoni tal-Pagi*
*Taqsima IV : Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg*
*Taqsima V : Temm ta` Kuntratti ta` Servizz*
*Taqsima VI : Infurzar u Ksur rigward Impiegi*
*Taqsima VII : Amministrazzjoni li ghandha x`taqsam ma` Impiegi*

*Kif diga` kellha okkazjoni din il-Qorti kif presjeduta tesprimi ruhha fis-sentenza in parte li tat fil-31 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Grima vs M H Malta Limited**", mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn esami tas-seba` taqsimiet tat-Titolu I. Propju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess. Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta b`deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b` mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu*

*fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*

[….]

*Ikkunsidrat –*

*In kwantu ghal Taqsima III (Protezzjoni tal-Pagi) citata mill-konvenuta, din il-Qorti terga` taghmel riferenza ghall-Art.75(1)(b) –*

*it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni li jikkunsidra u jiddeciedi ... il-kazijiet kollha li jaqghu taht ilgurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` regolamenti preskritti tahtu ...*

*Fit-test Ingliz – the Industrial Tribunal shall have exclusive jurisdiction to consider and decide ... all cases falling within the jurisdiction of the Industrial Tribunal by virtue of Title I of this Act or any regulations prescribed thereunder ... Kif diga` rrilevat qabel, din il-Qorti tghid li din id-disposizzjoni inkitbet b`dak il-mod, mhux b`kumbinazzjoni, izda ghal ghan specifiku u cioe` sabiex taghti gurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-kazi li jaghmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti tahtu u li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Kif diga` rajna, fejn fit-Titolu I, il-ligi riedet li jidhol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet specifikament. Li kieku l-legislatur ried tassew li l kazijiet kollha li jirrigwardaw kull wiehed mit-tmienja u erbghin (48) artikoli li jaghmlu t-Titolu I jigi kunsidrat u deciz b`mod eskluziv mit-Tribunal*

*Industrijali, kien jirreferi mill-ewwel u biss ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux jispecifika il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti.*

***In kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuta fejn din tittratta dwar it-Taqsima III, din il-Qorti ssostni li l-ligi mhix tispecifika li d-disposizzjonijiet tat-Taqsima III jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali[7].***

*Ghalhekk ghalkemm parti mit-talba tal-attur tirrigwarda hlas ta` leave u allura fil-mertu tista` tinvolvi l-applikazzjoni tal-Art.22(2) citat specifikament mill-konvenuta, dak ma jfissirx li t-talba ghall-hlas tal-leave ghandha tigi trattata u deciza biss mit-Tribunal Industrijali. Anzi din il-Qorti tghid li fil-kuntest tal-azzjoni attrici kif dedotta u cioe` talba ghall-hlas ta` leave wara rizenja (mhux tkeccija) tal-attur mill-impieg, **il-gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi dwar din it-talba hija tal-qrati ordinarji mhux tat-Tribunal Industrijali**[8].”*

*Minn din is-sentenza, sar appell li kien deciz fil-11 ta` Novembru 2011.*

*Il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-*

*“L-ghaqda konvenuta appellat minn din is-sentenza, u qed tissottometti illi la darba l-pretensjonijiet attrici jinvolvu l-kundizzjonijiet tal impieg trattati fit-Titolu I tal-Att, skont l-imsemmi Artikolu 75(1)(b), il-materja tista` biss tigi*

[7] Tipa grassa b’enfasi tal-Qorti
[8] Tipa grassa b’enfasi tal-Qorti

*mistharga mit-Tribunal Industrijali.*

*L-Artikolu 75(1) tal-imsemmi Kap. 452 jiddisponi testwalment ...*

*Minn qari ta` dan l-artikolu hu car li, kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-ghaqda konvenuta, il-ligi ma taghtix gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex din tiddeciedi fuq kull materja inkorporata fit-Titolu I tal-Att. Il-ligi taghti din il-gurisdizzjoni esklussiva fil-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I. Fi kliem iehor, fejn it-Titolu I jikonferixxi gurisdizzjoni lit-Tribunal, dik il-gurisdizzjoni hi esklussiva.*

*Kieku l-hsieb kien mod iehor, il-ligi kienet sempliciment tghid li kull kwistjoni dwar xi haga imsemmija fit-Titoli I tal-Att, tista` tigi mistharrga biss mit-Tribunal Industrijali. Il-ligi, pero`, ma tghidx dan. Tghid, minflok, li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hi radikata biss fil-kazijiet fejn hu allegat li saret tkeccija ingusta (Artikolu 75(1)(a)) u fil-kazijiet fejn it-Titolu I jaghti gurisdizzjoni lit-Tribunal.*

*Kieku kellu jkun mod iehor, anke dan is-subartikolu (1)(a) kien ikun superfluwu. Din id-dicitura hi ripetuta fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 75 li jiddisponi li:*

*"(2) Meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b`mod ingust minn principal, jew fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta` xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa`*

*taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht it-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` xi regolament preskritt tahtu, il-kaz ghandu jintbaghat lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f`isem u ghal dak il-haddiem."*

*Kwindi, kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali."*

*[…..]*

*Issa,* ***t-talbiet tal-attur f`din il-kawza ma humiex marbuta ma` xi artikolu tal-ligi li taqa` taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali skont it-Titolu I. It-talbiet jirreferu ghall-hlas ta` paga skont il-kuntratt ta` impieg tal-attur, u hlas ghall-vacation leave. Il-materji jidhlu li jkunu kkonsidrati fil-kuntest ta` Titolu I (Relazzjonijiet dwar l-Impiegi), pero`, minn imkien f`dan it-Titolu ma tissoggetta din il-kwistjoni biex tigi kkonsidrata b`mod esklussiv mit-Tribunal***[9]*.*

*Dan it-Tribunal huwa bord b`gurisdizzjoni specjali u ma ghandux jinghata setgha li ma giex espressament konferit lilu bis-sahha tal-ligi. It-Titolu I majaghtix "sahha" lit-Tribunal Industrijali ghall-materji kollha regolati b`dak l-istess Titolu, u fejn allura ma hemmx din l-attribuzzjoni, il-gurisdizzjoni ta` dawn il-qrati mhix eskluza."*

[9] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

Il-principji gurisprudenzjali appena citati huma carissimi u l-Qorti tikkondividi pjenament ma' dan l-insenjament u a skans ta' ripetizzjoni inutli taghmilhom taghha.

**Ghaldaqstant u in kwantu l-azzjoni attrici hija ghall-hlas ta' paga allegatament dovuta lill-attur, din il-kwistjoni ma taqax taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali izda taht il-kompetenza ta' din il-Qorti.**

## b) Tribunal tal-Arbitragg

Ghal kull buon fini l-Qorti tinnota wkoll li klawsola 8 tal-kuntratt ta' mpjieg tat-3 ta' Marzu 2017 iffirmat mill-kontendenti tipprovdi dwar is-salarju li kellu jippercepixxi l-attur fil-kors tal-impjieg tieghu filwaqt li l-klawsola 23.1 tieghu tghid hekk[10] –

*".....All disputes, claims or proceedings between the Parties relating to the validity, construction, performance or termination of this Agreement shall, except where falling under the exclusive jurisdiction of the competent Maltese Employment Tribunals or Courts, be determined by arbitration between the Parties before the Malta Arbitration Centre ("MAC"). There will be one independent arbiter appointed by the MAC, proceedings to be held in Malta, in English, and any decision shall be final and not subject to appeal except on points of law. Proceedings and the decision shall be private and confidential to the parties and their legal representatives and attorneys."*

[10] Fol 19

Il-Qorti tissottolinea li mid-dicitura stress ta' din il-klawsola huwa rikonoxxut li l-applikazzjoni taghha tigi fis-sehh hlief fejn il-kaz ikun jaqa' taht il-gurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati, konkluzjoni li effettivament diga' waslet ghaliha l-Qorti fis-suespost. Ma hemm ghalhekk ebda diffikulta' jew kunflitt bejn il-gurisdizzjoni tal-Qorti u dik tat-Tribunal tal-Arbitragg.

Hija skont il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li ser tikkunsidra l-kaz tal-lum fil-mertu.

## B. MERTU

Ferm il-premess, u fil-mertu jirrizultaw is-segwenti provi:

i. Fl-**affidavit tal-attur** huwa kkonferma li kien jaf personalment bil-fatti ta' din il-kawza u l-ammont ta' €65,474.28 rapprezentanti salarji u ammonti ohra dovuti lilu mis-socjeta' konvenuta izda mhux imhallsa, ghad li hija giet debitament interpellata u li dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut[11].

Quddiem din il-Qorti huwa xehed[12] li kien il-fundatur originali tas-socjeta' konvenuta u fil-bidu tas-sena 2017 inbieghet lil socjeta' minn Singapore bl-isem ta' Six Capital. Dawn naturalment kienu qablu li jghaddu fondi lis-socjeta' konvenuta. Meta wasal Gunju ta' dik is-sena l-attur induna li dawn ma kinux qed jibghatu fondi u lanqas kienu qeghdin jirrispondu ghall-komunikazzjoni li tintbaghtilhom. L-attur baqa' jipprova jiktbilhom u sahansitra mar personalment Singapore fejn huma weghduh li kienu ser jibghatu l-fondi u li ma kellux ghalfejn jinkwieta. Pero' meta wasal Lulju u ra li dawn il-weghdi ma kinux avveraw ruhhm tant li s-socjeta' konvenuta kienet qed tispicca bla fondi huwa rega' mar Singapore izda s-sitwazzjoni ma

[11] Fol 5
[12] Seduta tat-13 t'April 2018 a fol 58 et seq

nbidlitx. Sa Awissu s-socjeta' konvenuta spiccat bla fondi. Meta wasal Settembru huwa kellu jiehu diversi decizjonijiet mhux biss ghax hu ma kienx qed jithallas izda wkoll ghax mieghu kellu grupp ta' haddiema li qabel kienu jahdmu mieghu fil-kumpanija. Ghalhekk hu hareg minn butu l-pagi ta' dawn il-haddiema ghal dak ix-xahar izda hu kien ghadu lanqas thallas il-paga tieghu t'Awissu. Is-socjeta' estera wriet apprezzament ghal dan il-gest u weghdet li ser tibghat il-flus izda s'Ottubru l-flus kienu ghadhom ma gewx u b'hekk kien ilu tlett xhur ma jithallas. F'Ottubru huwa ddecieda li jirrizenja ghax ma setax jibqa' jahdem f'ambjent ta' xoghol fejn il-kumpanija ma kinitx ghadha tieghu u kien qed jispicca jhallas hu stress ghall-pagi tal-haddiema u ma jithallas xejn. Meta s-socjeta' estera rcevew l-ittra ta' rizenja tieghu huma akkuzawh li s-socjeta' konvenuta kienet qed tikkrolla minhabba r-rizenja tieghu ecc.

L-attur ikkonferma li hu ma kien ghadu thallas xejn mis-somma mitluba fil-kawza odjerna. Spjega li fil-kors tal-impjieg tieghu huwa qatt ma ha gurnata leave, hadem fil-weekends u anke siefer hafna in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Huwa anke rrikorra ghand id-Dipartiment responsabbli ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali sabiex jinvestigaw il-kaz tieghu, l-istess bhalma ghamlu mpjegati ohra tas-socjeta';

ii. Fit-**3 ta' Marzu 2017** il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' mpjieg permezz ta' liema l-attur inhatar bhala *Chief Executive Officer* mas-socjeta' konvenuta b'effett mill-1 ta' Settembru 2014 ghal perjodu definit li kellu jaghlaq fis-6 ta' Gunju 2018[13];

iii. L-attur prezenta *Statement of Account* li jispjega d-dettall tal-ammont mitlub minnu li jkopri salarju, *allowances* u *bonuses* statutorji[14];

[13] Fol 6 et seq
[14] Fol 27

iv. Fit-**18 t'Ottubru 2017** l-attur prezenta ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta ghas-somma mertu ta' dawn il-proceduri[15];

v. Fit-**30 ta' Novembru 2017** l-attur prezenta cedola ta' depozitu fil-Qorti permezz ta' liema ddepozita dokumenti sabiex jezimi ruhu minn kull responsabilta' u sabiex ikun jista' jigi rtirat minn min ghandu dritt ghalih skont il-ligi[16];

vi. Fl-**4 ta' Dicembru 2017** intavola l-proceduri odjerni.

Il-Qorti wara li rat il-provi mressqa tqis li t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ben pruvata. Ma tressqet ebda oppozizzjoni formali ghal tali talba u ma ngiebet ebda hjiel ta' prova li b'xi mod tirribatti dak pretiz mill-istess attur.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[15] Fol 29
[16] Fol 30 et seq